Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 463/2012

Il-Pulizija

Vs

Anthony Bezzina

Victor Bezzina

Pierre Balzan

Bartholomeo Gauci

Illum, 19 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati Anthony Bezzina, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 1004848M, Victor Bezzina, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 750751M, Pierre Balzan, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 268668M u Bartholomeo Gauci, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 370765M,talli:

Fis-16 ta' Frar 2005 ghal habta ta' xi 11.45 am fil-fond Bezzina Shipyards, Ras Hanzir, limiti ta' Paola,

1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti bhala persuni responsabbli

ta' Bezzina Shipyards u tal-Kumpanija bl-isem ta' 'Melita Yacht Painters Ltd' ikkagunaw il-mewt ta' Hercules Belara ta' nazzjonalita' Filippina u dan bi ksur tal-artikolu 225, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li jizguraw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan bi ksur art. 6 (1) tal-Kap. 424 u L.N. 36/03 Art. 4 (1) (2) (3) u 10 (1) (2).

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-dispozizzjoni tal-haddiema jkun addattat u dan bi ksur tal-art. 3 (1) (a) (b) u 5 (1) ta' L.N. 282/04.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2012, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement illiberathom mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka id-digriet u s-sentenza appellata u wara li tiddikjara l-evidenza kollha dikjarata inammissibbli fid-digriet bħala ammissibbli skont il-Liġi, tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-każ u ssib lill-appellati ħatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skond il-Liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia għamlet apprezzament żbaljat tal-provi kif miġjuba kif ukoll sejset il-konklużjonijiet tagħha anke fir-rigward tal-analiżi u apprezzament tal-provi miġjuba sforż t'interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u in bażi t'hekk waslet għall-ħelsien tal-imputati mill-akkużi miġjuba kontrihom u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) u 415(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn l-esponent jirrileva li dan l-umli appell qiegħed isir kemm mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hawn fuq imsemmi kif ukoll mid-digriet ta' dik il-Qorti datat 11 ta' Novembru 2011.

Jibda biex jingħad illi parti importanti mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni f'dan il-każ kienu l-Perit Richard Aquilina, Dr. Andrew A. Borg u Charles Micallef. Iżda dawn ġew ċensurati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2011 peress illi :-

1. Il-Perit Richard Aquilina ma ingħatax l-inkarigu li jisma' x-xhieda bil-ġurament u għalhekk mar oltre n-nomina tiegħu meta sema' x-xiehda bil-ġurament ta' Bartolomeo Gauci, Anthony Mamo u Hilarion Aquino u għalhekk din ix-xiehda ġiet dikjarata bħala inammissibbli ;
2. It-Tabib Andrew A. Borg ukoll ma ingħatax dan l-inkarigu li jisma' x-xhieda bil-ġurament ta' Victor Bezzina, Maria Belara u l-OHSA u għalhekk ix-xiehda tagħhom ukoll ġiet ritenuta inammissibbli ;
3. Dik il-parti tax-xiehda ta' Charles Micallef fejn huwa irrefera dak li qalulu l-imputati fi stadju ta' investigazzjoni u dan fid-dawl tal-iżvilupp kostituzzjonali indikat mid-difiża fin-nota tagħha (in re Alvin Privitera, Esron Pullicino u Mark Lombardi rispettivament).

Dwar in-natura tal-inkarigu mogħti mill-Qorti lil Perit Richard Aquilina

Bid-dovut rigward, huwa minnu li l-Perit Aquilina ma ġiex mogħti espliċitament l-inkarigu li jisma' x-xiehda ta min kien fuq il-post bil-ġurament. Iżda mill-banda l-oħra, dan l-inkarigu irid jinftiehem u jiġi interpretat b'mod li jkun jista jagħmel sens u li permezz tiegħu l-inkarigu ikun jista jiġi mwettaq fl-aħjar interess tal-ġustizzja li f'isimha il-Maġistrat ikun qed jaġixxi. F'dan il-każ, l-inkarigu li ġie konferit lil Perit Richard Aquilina ma kienx biss wieħed limitat u speċifiku, iżda wieħed wiesa' għall-aħħar fil-qadi tal-inkarigu tekniku tiegħu.

Fil-fatt la l-Ispettur Malcolm Spiteri u l-ebda perit maħtur matul l-Inkjesta Maġisterjali ma ingħata l-fakulta li jisma' x-xiehda tal-persuni involuti bil-ġurament. Il-Maġistrat konduċenti l-Investigazzjoni ma żammx l-aċċess hu personalment. Fid-dawl ta' dan l-esponent jistaqsi kif setgħet issir din l-investigazzjoni Maġisterjali jekk ħadd minn dawk maħtura ma ingħataw il-fakulta' li jisimgħu ix-xiehda tal-persuni involuti bil-ġurament u l-Maġistrat ma marx huwa stess in situ ?? Għalkemm kien desiderabbli għall-Maġistrat li jsemmi b'mod ċar u espliċitu li kien qed jikkonferixxi inkarigu wkoll ta' smiegħ ta' persuni bil-ġurament, żgur li l-inkarigu mogħti lil Perit Richard Aquilina kien wiesa' biżżejjed biex jinkludi t-teħid ta' verżjonijiet ta' persuni involuti f'dan il-każ biex ikun jista jasal għall-konklużjonijiet tekniċi tiegħu.

L-inkarigu tal-Perit Aquilina kien dak li, bħala perit tekniku : -

(a) iżomm aċċess fuq is-sit in kwistjoni ;

(b) u wara li jagħmel dak kollu illi l-arti u s-sengħa jitolbu ;

(c) iħejji pjanta tas-sit in kwistjoni ;

(d) jirrelata bil-miktub fir-rigward tal-osservazzjonijiet li jkun għamel waqt l-istess aċċess lil Maġistrat.

Bir-rispett kollu lejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din l-isteżura tal-mansjoni konferita lil Perit Richard Aquilina għalkemm ma ssemmix it-teħid tax-xiehda

b'mod espliċitu turi biċ-ċar li l-Perit kellu mandat wiesa' ħafna li jinkludi t-teħid tal-verżjonijiet bil-ġurament (kif tista tgħid dejjem jagħmel meta jiġi mqabbad).

Il-Perit ma ġiex imqabbad biss biex jagħmel pjanta tas-sit u jieqaf hemm. Ġie appuntat biex jagħmel aċċess fuq is-sit u din hija delega ċara da parti tal-Maġistrat biex jagħmel dan l-aċċess u naturalment din id-delega hija mhux biss ristretta biex iħejji pjanta ! L-esponent itenni li hawnhekk id-delega hija delega wiesa' da parti tal-Maġistrat li qed jibgħat lil Perit bħala *lunga manus* tiegħu. Anzi, apparti li ddelegah iwettaq aċċess fuq il-post, il-Maġistrat qabbdu biex jagħmel dak kollu illi l-arti u s-sengħa titolbu – u mhux biss biex iħejji pjanta tas-sit, iżda wkoll biex **jirrelata bil-miktub** fir-rigward **tal-osservazzjonijiet li jkun għamel waqt l-istess aċċess.** L-esponent jidhirlu li din id-diċitura altru milli tinkludi fiha l-poter li min ġie inkarigat jagħmel aċċess jiġbor ukoll ix-xiehda ta' dawk involuti biex ikun jista kemm li jħejji pjanta tas-sit in kwistjoni kif ukoll li jirrelata bil-miktub fir-rigward tal-osservazzjonijiet li jkun għamel waqt l-aċċess – naturalment li jkun ibbażat ukoll (iżda mhux biss) fuq verżjonijiet tal-fatti li l-Perit ikun għamel matul l-aċċess.

Minbarra dan ġie wkoll argumentat illi d-deposizzjoni ta' Bartolomeo Gauci, Anthony Mamo u Hilarion Aquino għandhom jiġu dikjarati inammissibbli minħabba f'hekk. Iżda b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda lil Bartolomeo Gauci jingħad li din għandha tiġi dikjarata inammissibbli minħabba tal-iżvilupp kostituzzjonali indikat mid-difiża fin-nota tagħha (in re Alvin Privitera, Esron Pullicino u Mark Lombardi rispettivament).

L-esponent itenni li dawn id-deposizzjonijiet għandhom jiġu ritenuti ammissibbli in kwantu l-Perit Richard Aquilina aġixxa *intra vires* kif ukoll id-deposizzjoni ta' Bartolomeo Gauci għandha tiġi wkoll dikjarata ammissibbli minħabba illi l-konsiderazzjonijiet imsemmija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi hawn fuq riferiti ma għandhiex tiġi ritenuta applikabbli għal-dak li jirrigwarda tal-Perit Richard Aquilina fil-qadi tal-mansjoni tiegħu t'espert tal-Maġistrat Inkirenti stante li l-meritu ta' dawk il-każijiet bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jistgħu jiġu

mqabbla ma dik il-mansjoni moqdija mill-Perit Aquilina. Apparti minn hekk anke jekk gratia argomenti dawk id-dikjarazzjonijiet magħmula minn Bartolomeo Gauci b'xi mod jistgħu jiġu ritenuti li jinkwadraw fl-isfond tas-sentenzi kostituzzjonali hawn fuq riferiti, l-esponent jixtieq jirriferi lil din l-Onorabbli Qorti għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali datata 8 t'Ottubru 2012 fejn il-prinċipji dwar id-dritt tal-aċċess għall-Avukat ġew iċċarati minn dik l-istess Onorabbli Qorti. U fil-fehma tal-esponent, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza aktar reċenti, meta tieħu in konsiderazzjoni l-fatti kollha ta' dan il-każ, id-deposizzjoni ta' Bartolomeo Gauci bl-ebda mod ma setgħet tiġi dikjarata inammissibbli u konsegwentement skartata.

Kwantu għal dak li jirrigwarda t-Tabib Andrew A. Borg, in-nomina tiegħu kienet ukoll waħda wiesa', għalkemm mhux daqs kemm kienet dik tal-Perit Richard Aquilina. Dan it-tabib ġie maħtur biex :

(a) jagħmel dak ix-xogħol relevanti għal mewt ta' Hercules Belara
(b) u jirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti dwar ir-risultanzi tiegħu.

F'dan ir-rigward in-nomina ma kienetx tali li tinkludi s-smiegħ tax-xiehda fiha, u minħabba n-natura aktar ristretta tan-nomina, l-esponent jista jifhem li din ir-restrizzjoni kienet tali li ma tippermettix t-teħid ta' xiehda bil-ġurament. Mhux hekk pero fir-rigward tal-Perit Aquilina li ingħata s-setgħa li jagħmel aċċess aċċess fuq is-sit in kwistjoni ; u wara li jagħmel dak kollu illi l-arti u s-sengħa jitolbu ; iħejji pjanta tas-sit in kwistjoni ; u jirrelata bil-miktub fir-rigward tal-osservazzjonijiet li jkun għamel waqt l-istess aċċess lil Maġistrat.

Apparti minn hekk xiehda meħuda regolarment fi Proċess Verbal jista jinġieb bi prova matul il-kors ta' proċduri kriminali, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ.

Kwantu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tiskarta x-xiehda ta' Charles Micallef minħabba l-imsemmija żviluppi kostituzzjonali (in re Alvin

Privitera, Esron Pullicino u Mark Lombardi rispettivament) l-esponent itenni għal darb'oħra illi

(a) fil-qadi tal-mansjoni tiegħu t'Uffiċjal tal-OHSA bl-ebda mod ma tista titqies li hija paragunabbli mal-fattispeċje tal-każijiet hawn fuq riferiti li jittrattaw interrogazzjoni mill-Pulizija f'ambitu ta' proċeduri kriminali f'kuntesti ta' vulnerabilita' u possibbli preġudizzju minħabba f'hekk.

(b) Apparti minn hekk anke jekk gratia argomenti dawk id-dikjarazzjonijiet magħmula minn Bartolomeo Gauci u Victor Bezzina b'xi mod jistgħu jiġu ritenuti li jinkwadraw fl-isfond tas-sentenzi kostituzzjonali hawn fuq riferiti, l-esponent jirriferi lil din l-Onorabbli Qorti għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali datata 8 t'Ottubru 2012 fejn il-prinċipji dwar id-dritt tal-aċċess għall-Avukat ġew iċċarati minn dik l-istess Onorabbli Qorti. U fil-fehma tal-esponent, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza aktar reċenti, meta tieħu in konsiderazzjoni l-fatti kollha ta' dan il-każ, il-verżjonijiet ta' Bartolomeo Gauci u Victor Bezzina bl-ebda mod ma setgħu jiġu dikjarati inammissibbli u konsegwentement skartati. Dan ukoll fir-rigward tal-korrispondenza skambjata.

Epurati dawn il-punti di vista da parti tal-esponent, l-istess esponent itenni li mill-kumpless tal-provi kollha flimkien (u mhux biss minn stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet iżolati ta' xi imputati matul interrogazzjonijiet jew investigazzjonijiet) jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-imputati appellati huma l-persuni responsabbli legalment skond kif imsemmi fl-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom.

Il-prosekuzzjoni pruvat biċ-ċar li Hercules Balara miet fuq il-post tax-xogħol tiegħu waqt li kien qed jaħdem fuq scaffolding fil-Bezzina Shipyards fid-data, lok u ħin indikati fiċ-ċitazzjoni u ġie pruvat li huwa miet kawża ta' waqgħa minn dan l-iscaffolding fuq il-post tax-xogħol tiegħu li ma kienx sikur skont il-Liġi.

Jingħad bil-quddiem illi huwa minnu li l-prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova tal-memorandum and articles of association tal-kumpanija « Melita Yacht Painters Limited ». Iżda b'daqshekk ma jfissirx lil l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova r-rabta bejn l-imputati u l-mewta traġika tal-vitma f'dan il-każ bil-mod u fir-relazzjoni li trid il-Liġi.

L-ewwelnett jirriżulta l-involviment rispettiv tal-imputati (ħlief għal Bartolomeo Gauci) mill-memoranda and articles of association preżentati li huma diretturi ta' dawn il-kumpaniji li jiġġestixxu l-Bezzina Shipyards. Da parti tiegħu Bartolomeo Gauci jiddikjara li huwa direttur ta' « Melita Yacht Paintings » (PV a fol 14).

Fl-istess deposizzjoni quddiem il-Perit Aquilina, Bartolomeo Gauci jtenni biċ-ċar li huwa kien ukoll impjega lil Hercules Belara flimkien ma' Hilario Aquino u Sunjin Sunjin. Jgħid li kien Bezzina li rama dan l-iscaffolding. Gauci kien fuq il-post ftit qabel ma l-vitma waqa' minn fuq l-iscaffolding.

Mid-deposizzjoni ta' Charles Micallef jirriżulta biċ-ċar li l-vitma kien waqa fil-yard ta' « Bezzina Ship Repair Yard Limited » (li d-diretturi tagħha huma Victor Bezzina u Anthony Bezzina). Jgħid li meta mar fuq il-post huwa ltaqa ma' Bartolomeo Gauci li huwa direttur ta' « MYP Ltd ». Huwa evidenti hawnhekk li għalkemm ma nġabitx il-prova tal-memorandum and articles of association ta' « Melita Yacht Painters Limited » kien Bartolomeo Gauci stess li assuma r-rwol ta' direttur ta' din il-kumpanija u meta jiġu analizzati l-memorandum and articles of association ta' « Melita Yacht Partners Limited » wieħed ma jsibx lil dan Bartolomeo Gauci bħala wieħed mid-diretturi ta' din il-kumpanija. Huwa evidenti għalhekk li hawnhekk Charles Micallef, meta jgħid « MYP Ltd » kien qed jirreferi għal « Melita Yacht Painters Limited » u mhux « Melita Yacht Partners Limited ».

Ad ogni modo jirriżulta ampjament li dan ix-xogħol kien qiegħed isir fil-Bezzina Ship Repair Yard. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-korrispondenza mibgħuta minn Charles Micallef lil Bezzina Ship Repair Yard Limited u lil « M.Y.P. Limited »

fis-16 ta' Frar 2005 ġew ukoll riċevuti u debitament rikonoxxuti. Fil-fatt a fol 51 jirriżulta li Charles Micallef stqarr li kien irċieva ittra mingħand ċerta Pam Scicluna lil wieġbitu f'isem Pierre Balzan u Robert Gauci (jiġifier Bartolomeo Gauci). Fil-fatt il-memorandum and articles of association ta' « Melita Yacht Painters Limited » ma ġiex eżibit. Iżda jidher li Pam Scicluna li allegatament iffirmat f'isem Melita Marine Group inkludiet lil Pierre Balzan flimkien ma' Robert Gauci. Iżda l-kwalita ta' Pierre Balzan tirriżulta li hija ta' direttur ta' « Melita Yacht Partners Limited » li hija soċjeta fi ħdan dak li l-letter head ta' din l-ittra turi bħala li huwa l-« Melita Marine Group », u li tagħha wieħed mid-diretturi huwa l-istess Victor Bezzina li huwa direttur fis-soċjetajiet l-oħra kollha – fejn għandhom ir-registered address ilkoll fi 1-3, Church Wharf, Marsa.

Mill-banda l-oħra, Charles Micallef itenni li rċieva wkoll mingħand Victor Bezzina e-mail datata 19 ta' Frar 2005 fejn qed jingħad kjarament illi b'riferenza għall-ittra ta' Charles Micallef tas-16 ta' Frar 2005 a fol 45,

> « Following improvements recommended by Ing. George Ebejer and inspection carried this morning, the scaffolding around the hull of M.Y. Lady Goodgirl has beed declared safe for its intended use. Ing. Ebejer asked us to inform you that a physical inspection can be carried out by the Occupational Health and Safety Officer, Regards, Victor Bezzina »

Apparti minn hekk kemm id-deposizzjoni ta' Anthony Mamo a fol 129 kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Hilarion Aquino, jkomplu jikkonsolidaw ir-rabta bejn l-akkużati u l-akkadut fuq il-post tax-xogħol fil-proprjeta ġestita minnhom. L-esponent itenni li mhux skond l-ispirtu tal-Liġi li persuni jinqdew b'diversi tareg tal-personalita' ġuridika separata sabiex jonqsu milli jirrispondu għal nuqqasijiet li minħabba fihom persuna innoċenti tista tisfa' mejta fuq il-post tax-xogħol li minnu suppost kellha taqla x'tiekol biex tgħix hi u familtha !

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed isejjes il-lanjanza tieghu ghad-decizjoni liberatorja moghtija favur l-appellati billi jikkritika mhux biss is-sentenza impunjata, izda ukoll digriet interlokutorju moghti mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Novembru 2011 dwar l-inammissibilita ta' uhud mill-provi li hemm fl-atti, u dan ghaliex dawn il-provi, fil-fehma tieghu kienu essenzjali sabiex iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellati jew uhud minnhom u ma kellhomx jigu skartati.

Illi fid-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 2011, l-Ewwel Qorti qieset bhala inammissibbli dik il-parti tar-rapporti peritali imhejjija mill-Perit Richard Aquilina u mit-tabib Dr. Andrew Borg, inkarigati fl-inkjesta magisterjali u ammessi bhala prova in atti, fejn giet mehuda ix-xhieda bil-gurament waqt l-access fl-inkjesta. Ukoll l-Ewwel Qorti qieset bhala inammissibbli l-istqarrijiet rilaxxjati minn uhud mill-appellati lil Charles Micallef, Ufficjal tas-Sahha u is-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, u dan billi l-istess ittiehdu minghajr ma giet moghtija d-debita twissija skont il-ligi u ukoll minghajr ma gew moghtija il-jedd jiksbu parir legali qabel ma gew interrogati minnu. Illi l-Avukat Generali madanakollu hassu aggravat minn din id-decizjoni billi jishaq illi l-jedd ghal parir legali ma kienx moghti fil-ligi fiz-zmien meta sehh l-incident u allura ressaq l-ilment tieghu ghal fatt illi l-Ewwel Qorti skartat dina ix-xhieda fil-konsiderazzjonijiet taghha tal-fatti tal-kaz.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Ewwel Qorti kienet ferm ghaqlija meta warrbet mill-atti l-istqarrijiet kollha maghmula minn uhud mill-appellati fosthom Bartolomeo sive Robert Gauci u Victor Bezzina, billi dak mistqarr minnhom kemm quddiem l-esperti fl-inkjesta, kif ukoll lill-ufficjal investigattiv fi hdan l-Ufficju tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol kienu lesivi tad-dritt kostituzzjonali fondamentali taghhom ghas-silenzju, u dan meta huma gew mitluba jaghtu dikjarazzjonijiet inkriminanti minghajr ma inghataw il-protezzjoni mehtiega. Dan ghaliex huwa bil-wisq evidenti kemm mir-rapport ta'l-esperti fl-inkjesta, kif ukoll mix-xhieda ta' Micallef illi lill-persuni interrogati ma gietx moghtija lilhom it-twissija skont il-ligi. Dan ifisser allura illi minnufih gie lez id-dritt taghhom ghal smiegh

xieraq u kwindi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt taghti piz probatorju lil tali dikjarazzjonijiet. Gie ritenut:

*"Meta jirrizulta ab initio mill-atti processwali illi persuna suspettata tkun giet interrogata minghajr ma tkun giet informata li tista taghzel li ma tinkriminax ruhha, dik il-konfessjoni hija minn natura taghha stess suspetta ghal dik li hija volontarjeta talment li jkun perikoluz li tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti.*[1]"

Di piu, mhux biss jirrizulta mill-atti illi id-dikjarazzjonijiet rilaxxjati minn Gauci u Bezzina saru minghajr it-twissija dwar id-dritt taghhom li ma jinkriminawx rwiehom, izda ukoll fir-rigward tax-xhieda moghtija minnhom quddiem l-esperti fl-inkjesta, dawn ittiehdu minghajr id-debita awtorizazzjoni mill-Inkwirenti. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sottomess mill-Avukat Generali fl-aggravvju tieghu illi l-inkarigu moghti lill-esperti kien wiehed wiesgha meta gew ordnati jaghmlu dak kollu illi l-arti u is-sengha taghhom jitolbu u dan ghaliex l-awtorita illi jigi somministrat il-gurament, jekk ma tirrizultax minn xi disposizzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz tan-Nutar Pubbliku, il-Kummissarju ghal Gustizzja jew id-Deputat Registratur, allura din trid tohrog minn ordni ta' xi qorti jew awtorita ohra li ghandha is-setgha tissomministra il-gurament u li tiddelega dina l-awtorita. Perit Arkitett u tabib ma ghandhomx dina is-setgha skont il-ligi u kwindi tali setgha kellha tigi necessarjament moghtija lilhom mill-Inkwirenti. Dan jirrizulta b'mod specifiku mid-dicitura ta'l-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghall-"*in genere*" fejn hemm dispost illi:

*"Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti* ***u li jisimgħu xhieda***

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo sive Charles Tabone App.Krim. Sup. 17/01/1995

***taħt ġurament*** *quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan…."*

Fil-fatt l-ahhar parti ta' din id-disposizzjoni tal-ligi tipprovdi illi:

*"Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament."*

Dan necessarjament ifisser illi meta il-ligi taghti is-setgha lill-espert innominat jaghmel dak kollha li tirrikjedi l-arti u is-sengha tieghu, dan ma ghandux jinkludi is-setgha illi jisma' x-xhieda bil-gurament billi tali mansjoni trid necessarjament tigi specifikata mill-Qorti jew mill-Inkwirenti.

Affermati dawn il-principji ta' dritt, din il-Qorti tqies illi l-aggravvju ta'l-Avukat Generali dirett lejn id-digriet ta'l-Ewwel Qorti tal-11 ta' Novembru 2011 ma jisthoqqlux akkoljiment u allura qed jigi michud.

Illi jifdal ghalhekk biex tigi trattata l-impunjattiva diretta lejn id-decizjoni appellata u allura marbuta mal-mertu tal-kaz. L-Avukat Generali jikkritika id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti meta ghaddiet sabiex illiberat lill-appellati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom billi jidhirlu illi kien evidenti mill-provi in atti illi l-appellati kienu il-persuni responsabbli ghall-incident mertu tal-kaz u dana bhala il-persuni responsabbli fit-tmexxija tal-Bezzina Shipyards u allura kellu jirrizulta l-involviment taghhom fil-mewta tragika tal-vittma.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellati jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda

dubbju dwar l-identita taghhom. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsabu akkuzati bihom fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta izda illi dawn ir-reati gew addebitati lilhom bhala rapprezentanti ta' korp guridiku billi ma kenux huma fizikament li allegatament wasslu ghall-event dannuz mertu tal-kaz, fejn allura hemm imfisser fl-ewwel akkuza bhal fatt illi il-vesti li fiha qed jigu imharrka huwa bhala persuni responsabbli ghal Bezzina Shipyards u tal-kumpanija Melita Yacht Painters Limited, ghalkemm fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali ma hemm xejn x'jindika dan.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, **fl-imputazzjoni jew fl-akkuza** – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – **ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu**. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.[2]"*

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta vikarja tal-appellati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, jibqa ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat illi fil-vesti taghhom kif indikat fl-akkuza huma jistghux jinzammu responsabbli ghall-incident tragiku li sehh gewwa il-Bezzina Shipyards b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni. Issa skartati ix-xhieda moghtija mill-appellati fl-inkjesta magisterjali u dak mistqarr minnhom lil Charles Micallef ufficjal investigattiv ghas-Sahha u is-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, ma jistax jinghad illi hemm provi sufficjenti in atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi

[2] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

hemm xi ness bejn il-persuni ta'l-appellati jew xi wiehed jew uhud minnhom u l-event dannuz mertu ta' dan l-kaz. Dan ghaliex ma hemm xejn x'jindika illi l-appellati jew min minnhom kien reponsabbli ghall-armar ta'l-i*scaffolding*, ma' min kien impjegat id-*decujus*[3], min tah l-ordni sabiex isir ix-xoghol li wassal ghal mewta tragika tieghu, min mill-appellati ghandu it-tmexxija tal-Bezzina Shipyards, u jekk tezistiex is-socjeta Melita Yacht Painters Limited. L-uniku prova li hemm fl-atti hija l-fatt li sehh l-incident fatali, il-mod kif kien armat l-iscaffolding u allura dak li seta wassal ghal dan is-sinistru fejn haddiem sfortunatament tilef hajjtu fuq il-post tax-xoghol. Dan ghaliex l-informazzjoni li inkisbet minn ghand uhud mill-appellati kif inghad ma tistax titqies illi hija ammissibbli billi giet moghtija minghajr ma huma inghataw id-debita twissija skont il-ligi. Lanqas mill-Memorandum and Articles of Association tat-tlett kumpaniji Melita Yachting Partners Limited, Bezzina Yacht Yard Limited u Bezzina Ship Repair Yard Limited ma jirrizulta min minnhom ghandu it-tmexxija tal-Bezzina Shipyards. Il-grad tal-prova milhuqa mill-prosekuzzjoni allura ma hijiex sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghal kundanna ta'l-appellati jew ta' xi wiehed jew uhud minnhom billi ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku min minnhom kien responsabbli ghal dan is-sinistru tragiku. Illi allura din il-Qorti ma tara l-ebda motiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha li sfortunatament kienu mankanti u proceduralment difettuzi.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[3] Il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq prova dwar min kien il-principal registrat tal-vittma u jekk kienx hekk registrat ghax-xoghol